Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 289/2014

**Dr Alessandro Lia bhala prokuratur specjali tas-socjeta estera Pulak Tradex Private Limited** **(appellata)**

**Vs**

**Kosecp (Distribution & Business Services) Ltd (C31477)** **(appellanti)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

L-attrici harrket lill-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' tmint elef, tliet mija, erbgha u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu (€8,324.17), ekwivalenti ghal hdax-il elf u tmienja u hamsin punt tmienja zero Dollaru Amerikan ($11,058.80) jew kull somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima taghha, hlas dovut lill-attur in linea ta' *commission*. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Il-konvenuta wiegbet:

1. Illi, fl-ewwel lok, it-talba attrici hi intempestiva peress li l-kumpannija attrici qatt ma ffatturat lill-kumpannija intimata bl-ammont dovut lilha;

2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-kumpannija attrici m'huwiex dak pattwit;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u minkejja s-suespost, l-ammont pattwit mal-kumpannija attrici gie debitament saldat mill-kumpannija intimata; u

B'sentenza tal-15 ta' April 2015, l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet u kkundannat lill-konvenuta thallas is-somma ta' US$8,378 ekwivalenti ghal sebat elef, disa' mija u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€7,930.71), bl-ispejjez jithallsu kollha mill-kumpannija intimata u l-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas.

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

1. Dwar l-intempestivita' tal-kawza li pproponiet l-attrici.
2. L-apprezzament zbaljat tal-fatti li ghamlet l-ewwel qorti. Qatt ma kien sar negozju dirett bejn il-kontendenti imma l-bejgh sar direttament lil terzi u dana kif jidher mill-fatturi prodotti mill-istess kumpannija appellata a fol. 19 u 25. Il-kumpannija appellata tiffigura fil-vesti guridika ta' *"agent tal-kummerc"* kif regolata mill-artiklu 70 et seq. tal-Kodici tal-Kummerc. Dana ma jidhirx illi huwa kkontestat mill-kumpannija appellata ghaliex fir-rikors promotur intqal illi t-talba qieghda ssir ghal, *"hlas dovut lill-attrici in linea ta' commission"* u fl-affidavit tieghu, Ajay Jain stqarr: *"Our company therefore decided to place*

*two orders with Mr. Pisani, which orders were placed on our client's company name in India, and my company worked as a commission agent.";*

3. L-ewwel qorti njorat ghal kollox il-fatt illi l-kumpannija appellanti wetqet hlas lill-kumpannija appellata u dana ghas-saldu tal-pretensjonijiet ta' din ta' l-ahhar.

4. L-ewwel qorti ma kellha l-ebda dritt illi taqbad u tottjeni r-rata tal-kambju tad-dollaru mal-euro fid-data tas-sentenza taghha u tikkonverti l-ammont likwidat f'euro bir-rata ta' dak il-jum. Gialadarba tali rata ma gietx prodotta, l-ewwel qorti kellha toqghod fuq l-ammonti li ssemmew mill-kumpannija appellata u tillikwida l-ammont dovut skond it-talba u mhux tvarja l-ammont dovut f'euro skond rata tal-kambju li ma rrizultatx fl-atti. B'dan il-mod, l-Ewwel Qorti kisret ir-regola fundamentali ta' *quod non est in actis, non est in mundo.* L-ewwel qorti kienet obbligata illi tikkanonizza l-ammont dovut f'dollari kif kienet it-transazzjoni originali.

5. L-ewwel qorti naqset milli taqsam l-ispejjez minkejja illi rrizulta illi l-kumpannija appellanti kienet halset lill-kumpannija appellata s-somma ta' €2,649.30 fil-mori tal-kawza u l-ammont pretiz kien naqas ghal $8,379. L-appellanti ma kellhiex tehel l-ispejjez kollha tal-kawza.

L-appellata pprezentat twegiba fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud. Bazikament l-argumenta taghha huma li:

1. M'hemmx raguni gravi li ghandha twassal lil din il-qorti ta' revizjoni ghal konkluzjoni differenti minn dik tal-ewwel qorti. Fl-appell ma nghad xejn gdid li l-appellanti ma qalitux quddiem l-ewwel qorti.
2. Fir-rigward tat-tieni aggravju, id-differenza fir-rata ta' kummissjoni kienet minhabba zewg prodotti differenti li kellhom rata ta' hlas differenti.
3. Ghal rigward il-kap ta' l-ispejjez, ir-raguni ghalfejn is-somma dovuta kienet differenti minn dik li originarjament intalbet kien minhabba li wara li giet prezentata l-kawza (21 ta' Awissu 2008) u l-appellanti giet notifikata bl-atti, minghajr m'avzat lil hadd iddepozitat somma flus fil-kont bankarju tal-appellata. Dan kollu sar permezz ta' *electronic transfer*. L-appellanti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-proceduri. Illi l-Qorti osservat li: *"…ghalkemm irrizulta li l-ammont attwalment dovut huwa inqas minn dak mitlub mill-attur fir-Rikors promotur, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz xorta wahda ma jissussistux ragunijiet validi bizzejjed li ghandhom iwasslu lil din il-Qorti biex takkolla parti mill-ispejjez lill-atturi"*[1]

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

## **Kwistjoni**.

[1] Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza **Alan Spiteri u Marioni Spiteri vs Mark Cuschieri** (deciza 23.05.2013)

L-appellata harrket lill-appellanti ghas-ssomma ta' €8,324.17, hlas li tippretendi bhala kummissjoni ghal bejgh ta' karti lil terzi, ghan-nom tas-socjeta appellanti. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lill-appellanti thallas is-somma ta' €7,930.71

**Konsiderazzjoni**.

1. **Intempestivita tal-azzjoni**.

1.1 L-appellanti ssostni li l-azzjoni hi ntempestiva ghaliex l-appellata qatt ma harget fattura ghas-servizzi li tat.

1.2 Il-fatt li ma nharigx kont qabel l-appellata pproponiet il-kawza, ma jwassalx ghal konkluzjoni li l-kawza hi ntempestiva.

1.3 Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni, l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza **Altas Insurance Agency Limited vs Sea Malta Company Limited** tad-29 ta' Ottubru 2002, fejn intqal: *"L-ahhar eccezzjoni hija wkoll eccezzjoni ta' intempestivita minhabba fin-nuqqas ta' sejha ghall-hlas qabel ma nfethet il-kawza. Hlief fil-kaz ta' kawzi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, izda, ma hix mehtiega sejha ghall-hlas qabel ma tinfetah kawza, u l-eccezzjoni ta' intempestivita hija wkoll michuda."* Ghalkemm l-appellanti qalet li ma setatx issib is-sentenza minkejja li ghamlet ricerka fuq is-sistema 'online case management', jibqa' 'l fatt li r-riferenza hi korretta u hi pubblikata fil-website Justice Services tal-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

1.4 Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, sejha ghall-hlas kien hemm (ara per ezempju email datata 3 ta' Mejju 2014 a fol. 14).

2. **Apprezzament tal-fatti**.

2.1 Fir-rikors tal-appell ma ssemmew ragunijiet gravi li jistghu jwasslu lill-qorti biex ma taqbilx mar-ragunament u konkluzjoni tal-ewwel qorti.

2.2 L-appellanti ssostni li *"…. Qatt ma sar negozju dirett bejn il-kontendenti imma l-bejgh sar direttament lil terzi u dana kif jidher mill-fatturi prodotti mill-istess socjeta appellata a fol. 19 u 25."* L-appellanti tkompli li kif jirrizulta minn email datata 7 ta' Jannar 2014, il-kummissjoni kellha tkun ta' $5 ghal kull tunellata. Fatt li jirrizulta wkoll minn email ohra tal-11 ta' Frar 2014. Ghalhekk l-appellata ma kellhiex jedd li unilateralment tvarja r-rata ta' kummissjoni.

2.3 Madankollu Ajay Jain, xehed li: *"Our Company had agreed with Mr. Pisani that commission due would be USD 5.00 per tonne for OCC Waste and USD35.00 for MIX paper Waste. With two consignments of 256.66MT and 279.30MT respective, the total commission due was USD11,058.80."* (fol. 30).

2.4 L-email tas-7 ta' Jannar 2014 u 11 ta' Frar 2014 (fol. 39) jikkonfermaw li r-rata ta' $5 ghal kull tunnellata kienet ghal ordni ta' OCC.

2.5 B'email datata 25 ta' Marzu 2014, l-appellata talbet hlas ta' kummissjoni ta' $35 ghal kull tunnellata ghall-bejgh li ghamlet, ta' Mix paper waste (fol. 40). Ma jirrizultax li l-appellanti kitbet lura fejn ikkontestat ir-rata ta' $35 ghal kull tunellata. Il-qorti tippretendi li kieku l-ftehim kien li l-hlas ikun ta' $5 ghal kull tunellata, l-appellanti kienet a tempo vergine tikkontesta l-imsemmija email. Pero' m'hemmx prova li t-talba giet kontestata.

2.6 Sahansitra b'email datata 3 ta' Mejju 2014 l-appellata talbet il-hlas ta' $11,058.8 (fol. 14), bhala kummissjoni. Fl-email jissemmew ir-rati ta' $5 ghal OCC u €35 ghal *mix paper waste*. Fil-5 ta' Mejju 2014 Anthony Pisani, direttur tal-appellanti, baghat email li taqra: *"I am away from Malta, be back later this week, to arrange commission this is is your bank right ? send me SWIFT Code of the bank in India and IBAN or account number of yr account in India. thanks."* (fol. 13). Fl-email ta' Pisani ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar ir-rata ta' kummissjoni ta' $35 fir-rigward tal-*mix paper waste*. F'dan ix-xenarju l-ewwel qorti kienet altru milli gustifikata li temmen il-verzjoni Ajay Jain u mhux ta' Anthony Pisani.

3. **<u>Hlas ghas-saldu.</u>**

3.1 Ghalkemm l-appellanti tippretendi li l-hlas li ghamlet fil-mori kien ghas-saldu, m'hemm l-ebda prova li l-appellata accettat dan il-hlas ghas-saldu.

3.2 Kull m'ghamlet l-appellanti kien li fit-13 ta' Ottubru 2014 ghamlet bank transfer lill-appellata ta' $2,679.80. Dan kien fil-mori tal-kawza[2].

3.3 L-appellata qatt m'accettat dan il-hlas ghas-saldu. Lanqas m'hemm prova li dakinhar li sari l-hlas, l-appellanti ddikjarat li l-hlas sar ghas-saldu.

3.4 Hu evidenti li l-appellanti baghatet il-hlas ta' dik il-parti tal-kont li ma kinitx qeghda tikkontesta. Ghalkemm fit-twegiba prezentata fl-14 ta' Ottubru 2014 l-appellanti ddikjarat li *"... l-ammont pattwit mas-socjeta attrici gie debitament saldat mis-socjeta konvenuta,"* (paragrafu 3, fol. 8), b'daqshekk ma jfissirx li l-appellata accettat li l-hlas ikun ghas-saldu. Tant hu hekk li baqghet tinsisti bil-kawza. Ajay Jain xehed: *"On the day of the first sitting in this case, Mr Pisani in his own name assumed the payment obligation of his company KOSECP and deposited in our account the sum of USD 2,649.30. This amount is absolutely not being accepted in settlement."* Hu evidenti li l-appellata qatt ma kellha l-intenzjoni li tirrinunzja jew tahfer il-kumplament tad-dejn.

4. **<u>Rata ta' kambju</u>**.

4.1 L-appellanti ssosnti li l-ewwel qorti ma kellhiex dritt li *"... taqbad u tottjeni r-rata tal-kambju tad-dollaru mal-ewro fid-data tas-sentenza taghha u tikkonverti l-ammont likwidat f'ewro bir-rata ta' dak il-jum. Gialadarba tali rata ma gietx prodotta, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha toqghod fuq l-ammonti mpustati mis-socjeta appellata u tillikwida l-ammont dovut skond it-talba attrici u mhux tvarja l-ammont dovut f'ewro skond rata tal-kambju li ma tirrizultax fl-atti."*

4.2 Rati ta' kambju hu taghrif fid-dominju pubbliku li jigi ppubblikat kuljum.

4.3 Ghamlet sew l-ewwel qorti meta wzat ir-rata ta' kambju tad-data tas-sentenza, gialadarba kien dakinhar li l-appellata giet kanonizzata kreditur tal-appellanti li giet kundannata thallas is-somma ta' $8,378.

---

[2] L-appellata pprezentat il-kawza fil-21 ta' Awissu 2014.

5. **<u>Spejjez</u>**.

5.1 Ghalkemm fil-mori tal-kawza l-appellanti hallset parti mill-ammont mitlub, dan ma kellux iwassal sabiex l-appellata tigi kkundannata thallas parti mill-ispejjez gudizzjarji.

5.2 L-appellata nghatat ragun fil-meritu, u allura kellha tigi kkundannata thallas l-ispejjez tal-kawza. L-Artikolu 223 tal-Kap. 12 jipprovdi li: *"Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez."* F'dan il-kaz it-tellief hi l-appellanti.

5.3 Inoltre, il-fatt li l-appellata m'ghamlitx riduzzjoni tal-hlas pretiz ma jirrizultax li ssarraf f'iktar spejjez.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.